MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2009

Numru. 253/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Jonathan Farrugia**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jonathan Farrugia ta' 23 sena, bin Joseph u Anna nee Borg, imwieled il-Pieta' fl-4 ta' Ġunju 1982 u residenti 'Farvill' 42 Triq Mikiel Ang Cagaino San Ġiljan u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 312782 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Ġżejjer fis-6 ta' Ġunju, 2005 u fix-xhur ta' qabel din is-senta:

a) kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-

Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali Numru 22 ta' l-1985 kif emendati;

b) akkużat ukoll talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, ikkommetta dan ir-reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur ta' l-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-17 t'Awwissu 2005 li biha din il-Qorti hija kompetenti li tisma' l-każ.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 3127 tas-sena 1982, l-istqarrija ta' l-imputat a fol.12, il-kunsens ta' l-imputat biex ikun eżaminat mit-Tabib (fol.46), u d-digriet ta' din il-Qorti a fol.25 liema digriet jgħid hekk:

***'Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 6B(ċ) tal-Kap 377 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiddeċiedi li persuna li hija marbut bis-sigriet professjonali barra l-Avukat, il-Prokuratur Legali u l-Qassisin, għandha tagħti l-informazzjoni ukoll jekk din hija koperta bis-sigriet professjonali. Dan huwa skond ammenda magħmula bl-Att XVII tas-sena 2002.' (Fol.25)***

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

**L-ewwel imputazzjoni**

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Nhar is-6 ta' Ġunju, 2005 il-Pulizija kienu nfurmati li kienet iddaħħlet mara l-Isptar allegatament qed issofri minn overdose wara party li saret ġo Paradise Bay fil-Mellieħa. Irriżulta li din kienet WPC 231 Michela Vella. WPC 219 Graziella Francalanza u PC

463 Jonathan Farrugia kienu marru jarawha. L-ispettur kienet bagħtet għall-imputat u għarrfitu li kien suspetti li hukien abbuża mid-droga.

L-imputat għall-ewwel irrifjuta li jkun eżaminat mit-Tabib tal-Pulizija. Imbagħad, wara li nġibditlu l-attenzjoni li r-rifjut tiegħu seta' jitfa' dawl ikrah fuqu, aċċetta li jkun eżaminat. Fit-test irriżulta pożittiv għaliex kien hemm il-preżenza ta' l-amfitamina.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat xorta baqa' jinnega li hu kien ħa l-ecstasy ukoll meta kien rinfaċċjat bir-riżultat.

Mix-xhieda tat-Tabib Carmel Sciberras jirriżulta li huwa jieħu ħsieb il-welfare tal-Pulizija kif ukoll jagħmel ix-xogħol amministrattiv li jitolbu jagħmel il-Kummissarju.

**It-Tabib ikkonferma li, fil-preżenza ta' PC 362 Godwin Spiteri u ta' persuni oħrajn, avża lill-imputat li kien ser jagħmillu t-testijiet dwar id-drogi u l-imputat ta l-kunsens tiegħu. (ara fol.46). (Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 326 Godwin Scerri a fol.44)**

**It-tabib kien ta sample (mill-istess urine) lill-imputat sabiex dan ta' l-aħħar kien liberu li jmur fejn irid u jagħmel it-testijiet tiegħu. (Fol 29)**

It-Tabib spjega li dan kien screening test u għall-konferma ried jibgħat il-kampjun il-Medical School fejn it-tossikologu huwa Dr.Michael Sammut.

Xehed Dr.Michael Sammut li kien irċieva s-sample issiġġilat u b'isem l-imputat (fol.29). Huwa kien irċieva l-kampjun minn għand Dr.Carmel Sciberras ġewwa l-kwartieri tal-Pulizija (fol.34). Dan kien fid-9 t'a Ġunju 2005. Wara li għamel l-analiżi dan ix-xhud sab li fil-urine ta' l-imputat kien hemm preżenza ta' l-MDMA li hija l-ecstasy. (Fol.34). Dwar il-perjodu meta l-ecstasy kienet ikkunsmata, ix-xhud qal li din is-soltu ddum bejn 24 u 72 hours, bejn jum u tlitt ijiem iżda dan ivarja minn persuna għall-oħra. Huwa spjega wkoll l-ecstasy ma kinitx ittieħdet ġimgħat qabel iżda ftit ġranet qabel. Iż-żmien indikat jaqa'

fil-parametri tad-data mogħtija għal meta saru l-allegati imputazzjonijiet.

Għal mistoqsija mill-Avukat Difensur huwa qal li ma kellux nomina biex jagħmel dan iżda għandu arranġament verbali mat-Tabib tal-Pulizija li jekk huma jagħmlu xi preliminary tests u jkollhom xi diffikulta' jgħadduhom lilu u jkun jista' jikkonferma dak li jkunu sabu. (fol.36).

Ikkonsidrat

Li d-difiża ssottomettiet li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu mankanti għaliex:

a) It-Tabib li għamel l-analiżi kien it-Tabib tal-Pulizija u dak li għamel kien for internal use biss;

b) Nuqqas ta' kontinwita' ta' l-evidenza;

ċ) Dr.Michael Sammut ma kienx nominat mill-Qorti.

Il-Qorti qieset dawn is-sottomissjonijiet seriatim.

L-ewwelnett m'hemm ebda provvediment fil-Liġi Kriminali (Kap 9) li jipprojbixxi li xi inkjesta li tkun saret f'dipartiment, hu liema hu, tkun ippreżentata fil-Qorti. La hemm provvediment espress li jagħmel tali prova inamissibbli u d-difiża ma pprovdiet ebda ġurisprudenza li b'xi mod teskludi tali indaġini jew inkjesta mill-proċess ġudizzjarju.

Il-Qorti għalhekk mhix tilqa' l-argument li għax it-Tabib għamel test għal skopijiet ta' dixxiplina fil-Korp, allura dawn ir-riżultati m'għandhomx ikun ammissibbli bħala prova.

It-tieni argument tad-difiża huwa li t-Tabib huwa t-Tabib tal-Korp u mhux wieħed indipendenti. Il-Qorti tinnota li t-Tabib qatt ma kien iċċalinġjat fuq dan il-punt. Id-Difiża ssottomettiet biss li dan marbut bis-sigriet professjonali. Fuq dan il-punt, il-Qorti tat digriet fejn spjegat li l-Att Dwar

is-Sigriet Professjonali kienet saret emenda fih sabiex Tabib xorta jkun jista' jixhed fi proċeduri kriminali.

Lanqas ma huwa argument li għax it-Tabib qiegħed impjegat mal-Korp, allura dan huwa awtomatikament eskluż milli jagħti l-konklużjonijiet tiegħi taħt ġurament fil-Qorti. Dan il-punt kien maġistralment deċiż fil-każ 'Nazzareno Zarb versus Malta' (Application Number 16631/04) mir-raba' sxessjoni tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem deċiża fil-5 t'April 2004 fejn intqal:

**'The Court reiterates that the requirements of impartiality and independence enshrined in Article 6 of the Convention only refer to the tribunal called upon to determine the criminal charges against the accused and do not apply to the prosecuting authorities or to experts. However, the position occupied by the experts throughout the proceedings and the manner in which they performed their functions is relevant in assessing whether the principle of equality of arms has been complied with……..**

**Omissis**

**Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the Prosecution – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified.**

**Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert**

**advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints. Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective.''**

Minn imkien ma jirriżulta li t-Tabib tal-Korp b'xi mod iqanqal xi dubju dwar l-imparzjalita' tiegħu.

**Nuqqas ta' kontinwita' tal-prova.**

Il-Qorti mhix taċċetta li kien hemm xi nuqqas ta' kontinwita' tal-prova għaliex mid-depożizzjoni ta' Dr.Michael Sammut stess jirriżulta li s-sample għadda minn idejn Dr.Sciberras għal idejn Dr.Sammut. Isegwi li kien hemm kontinwita' tal-prova.

**Dr.Michael Sammut ma kienx nominat mill-Qorti**

Skond l-artikolu 650(1) (2) tal-Kap 9:

'Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta'ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja.

(2) Il-periti jiġu magħżulin mill-Qorti.

Id-Difiża ssottomettiet li ġaladarba Dr.Michael Sammut ma kienx maħtur mill-Qorti, allura l-evidenza tiegħu m'għandhiex tkun ammessa.

Bir-rispett kollu s-sitwazzjoni ta' dan il-każ hija differenti minn meta tinstab xi droga għand xi persuna u l-Qorti, fin-nuqqas ta'ammissjoni, jkollha taħtar xi analista sabiex jistabilixxi s-sustanza x'inhi.

Il-każ odjern huwa simili għal dak ta' overdose fejn it-tabib jara s-sintomi, jgħaddi l-każ għall-analiżi u jgħarraf lill-Pulizija. Prattikament, li għamel Dr.Sciberras kien dak li qabbad l-istess persuna li s-soltu tinħatar biex tagħmel l-

analiżi u li hija indipendenti mill-Korp tal-Pulizija. B'hekk il-Prosekuzzjoni jkollha konferma jew le tal-prima facie li jkun stabilixxa t-tabib. Il-Qorti għalhekk ma qed tara xejn mankanti
f'tali prova ġaladarba kien l-istess Kap 31 innifsu li jirrikjedi lit-tobba jirrrupartaw każi ta' abbuż minn sustanzi tossiċi lill-Pulizija Esekuttiva u fiċ-ċirkostanza ta' dan il-każ in-nomina tal-Qorti ma kenitx indispensabbli l-istess bħalma jiġri fil-każi ta' overdose. Finalment, bħal Dr.Sciberras, Dr.Sammut ma qanqal ebda dubju dwar l-imparzjalita' tiegħu.

Barra dan, l-imputat ingħata nofs is-sample sabiex hu jkun jista' jikkonfuta kull allegazzjoni li ssir kontrih b'analiżi ta' espert ieħor.

Isegwi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

WPC 51 Louise Grech ikkonfermat li Jonathan Farrugia kien fil-korp tal-Pulizija sa mill-4 t'April, 2001u li kien irriżenja fl-20 t'a Ġunju 2005.

Għalhekk il-Prosekuzzjoni ippruvat it-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31, l-artikolu 3(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 u l-artikolu 141 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------